**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 15**
**Rik. Gur. Nru. 240/2012 JZM**

**Stephen Magri (Karta ta` Identita` numru 409560M) u ghal kull interess illi jista` jkollha Mary Grace Magri Gatt (Karta ta` identita` numru 117360M)**

***kontra***

**Emanuel sive Noel Magri (Karta ta` identita` numru 35957M), Anthony Magri (Karta ta` identita` numru 447548M) u Celine Magri mart Anthony Magri (Karta ta` identita` numru 119152M), u ghal kull interess illi jista` jkollha is-socjeta` en nom collectif "Magri & Zammit" (P 91)**

**Il-Qorti :**

## I. **Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-5 ta` Marzu 2012 li jaqra :–

*1. Illi r-rikorrenti u l-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri huma socji fis-socjeta` en nom collectif "Magri & Zammit" registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet bin-numru "P 97" ("is-socjeta`").*

*2. Illi ghal zmien twil is-socji intimati mexxew is-socjeta` b`mod arbitrarju, fl-interessi taghhom u kontra l-interessi tas-socjeta` u tal-esponenti, kif ukoll mexxewha minghajr ma jaghtu rendikont tal-operat taghhom u tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istess socjeta`.*

*3. Illi meta l-esponenti talab l-informazzjoni u kjarimenti minghand is-socji intimati dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u patrimonjali tas-socjeta` intimata, dawn ma tawhielux jew tawh informazzjoni mhux kompleta.*

*4. Illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza is-socji intimati unilateralment bi ftehim bejniethom ad eskluzjoni tar-rikorrenti ddisponew minn proprjeta` u kirjiet tas-socjeta` intimata, hadu jew hallsu lilhom innfushom flus appartenenti lis-socjeta`, jew hadu jew thallsu flus appartenenti jew dovuti lis-socjeta`, kif ukoll fethu kontijiet bankarji f`isimhom li fihom ddepozitaw, u minnhom zbankaw jew thallsu, flus appartenenti lis-socjeta` u dan kollu minghajr ma kienu intitolati li jaghmlu hekk skont il-ligi.*

*5. Illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri, minghajr il-kunsens tar-rikorrenti, ghamlu negozju ghalihom jew ghal haddiehor b`konkorrenza ghas-socjeta` intimata bi ksur tal-artiklu 30 tal-Kap. 386 u tal-klawsola 11 tal-istatut tas-socjeta` intimata, u ghalhekk huwa applikabbli is-subartiklu (2) tal-artiklu 30 tal-Kap. 386.*

*6. Illi s-socji intimati, minkejja li gew interpellati biex jaghtu rendikont diversi drabi dawn naqsu li jaghtu tali rendikont.*

*7. Illi l-esponenti qieghed jipprezenta dan ir-rikors minhabba illi bhala socju tas-socjeta` intimata kien ippregudikat bl-agir tal-intimati li b`kontroll fuq is-socjeta` intimata agixxew kemm kontra l-interess tas-socjeta` intimata kif ukoll tar-rikorrenti bhala socju fl-istess socjeta`.*

*8. Illi r-rikorrenti Stephen Magri jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett, prevJa id-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija :-*

*1. Tiddikara, jekk hemm bzonn, illi l-intimati Emanuel sive Noel Maqri u Anthony Magri mexxew is-socjeta` intimata b`mod arbitrarju, fl-interessi taghhom u kontra l-lnteressi tal-istess socjeta` u tal-esponenti.*

*2. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, illi l-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri naqsu li jaghtu rendikont tal-operat taghhom fit-tmexxija tas-socjeta` intimata, kif ukoll li naqsu li jaghtu informazzjoni lir-rikorrenti dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u patrimonjali tal-istess socjeta` u li meta taw xi informazjoni dwar l-istess din l-informazzjoni kienet inkompleta jew mhux veritiera.*

*3. Tiddikjara illi l-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri hadu iew hallsu lilhom infushom flus appartenenti lis-socjeta` intimata jew hadu jew thallsu flus appartenenti jew dovuti lis-socjeta` intimata, kif ukoll fethu kontijiet bankarji f`isimhom li fih ddepozitaw flus appartenenti lis-socjeta` u minnhom zbankaw jew thallsu flus, u dan kollu minghajr ma kienu intitolati li jaghmlu hekk skont il-ligi.*

*4. Tillikwida s-somma li l-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri hadu jew hallsu lilhom innfushom flus appartenenti lis-socjeta` intimata jew hadu jew thallsu flus appartenenti jew dovuti lis-socjeta` intimata, kif ukoll dawk il-flus appartenenti lis-socjeta` intimata li l-imsemmija intimati ddepozitaw fil-kontijiet bankarji li huma fethu f` isimhom u / lew li zbankaw jew thallsu minnhom.*

*5. Tiddikjara illi l-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri minghajr il-kunsens tar-rikorrenti ghamlu negozju ghalihom jew ghal haddiehor b` konkorrenza ghas-socjeta` intimata bi ksur tal-artiklu 30 tal-Kap. 386 u tal-klawsola 11 tal-istatut tas-socjeta` intimata, u dan bi pregudizzjuv tas-socjeta` intimata u li ghalhekk huwa applikabbli s-subartiklu (2) tal-artiklu 30 tal-Kap. 386.*

*6. Tiddikjara, jekk hemm bzonn illi r-rikorrent, bhala socju tas-socjeta` intimata kien ippregudikat bl-agir tal-intimati li kkontrollaw bejniethom is-socjeta` intimata u li agixxew kemm kontra l-interess tas-socjeta` intimata kif ukoll tar-rikorrenti bhala socju fl-istess socjeta` u li ghalhekk ghandu interess u dritt li jippromwovi dan ir-rikors blt-talbiet kif dedotti.*

*7. Tillikwida l-profitti li l-imsemmija intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri ghamlu, direttament jew ksur tal-projbizzjoni ta` konkorrenza fuq imsemmija.*

*8. Tikkundanna lill-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri u Celine mart Anthony Magri jhallsu lis-socjeta` intimata u/jew lir-rikorrenti dawk il-profitti hekk likwidati skont it-talba numru 7.*

*9. Tikkundanna lill-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri u lil Celine mart Anthony Magri jhallsu lis-socjeta` intimata u/jew lir-rikorrenti dawk il-flus hekk likwidati skont it-talba numru 4.*

*Bl-imghax, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-protesti tas-7 ta` Novembru 2009 u tat-3 ta` Gunju 2011, u tal-ittra bonarja tal-24 ta` April, 2009, u salv kull dritt iehor spettanti lill-istanti.*

*L-intimati huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti kollha fid-<u>29 ta` Marzu 2012</u> li taqra :-

*1. Illi t-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*2. M`huwiex minnu li l-esponenti eccipjenti, jew min minnhom, mexxew is-socjeta` intimata "Magri & Zammit" b`mod arbitrarju, jew fl-interess taghhom jew kontra l-interessi tal-istess socjeta` jew tal-atturi.*

*3. M`huwiex minnu illi l-esponenti eccipjenti, jew min minnhom, naqas li jaghti rendikont tat-tmexxija tas-socjeta` intimata jew li naqsu li jaghtu informazzjoni lill-attur dwar is-sitwazzioni finanzjarja u patrimonjali tal-istess socjeta`.*

*4. Anzi, a contrario ta` dak allegat mill-attur, jinghad illi l-istess attur kien ghal zmien twil fdat bit-tmexxija tas-socjeta` "Magri & Zammit", u meta hu abbanduna l-istess tmexxija naqas milli jaghti rendikont tal-operat tieghu liz-zewg socji l-ohra.*

*5. Jinghad inoltre, li meta l-attur abbanduna t-tmexxija tas-socjeta` "Magri & Zammit", l-eccipjenti Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri kienu kostretti jiehdu f` idejhom huma t-tmexxija tal-istess socjeta` sabiex jissalvagwardaw dak li l-attur abbanduna.*

*6. Fil-perjodu li Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri ilhom jiehdu hsieb it-tmexxija ta` din is-socjeta`, dejjem ippruvaw izommu lill-attur infurmat b`dak li kien qieghed jigri u b`dak li kien fi hsiebhom jaghmlu. Izda l-attur, bil-komportament tieghu, wera bic-car li ma kienx interessat jikkoopera, li ried ifixxkel u b`hekk injora ghal kollox kull komunikazzioni mibghuta lilu.*

*7. Fil-paragrafu 4 tar-Rikors Guramentat taghhom, l-atturi jallegaw li l-esponenti eccipjenti hadu jew hallsu lilhom infushom flus appartenenti lis-socjeta`, jew hadu jew thallsu flus appartenenti jew dovuti lis-socjeta`, jew li zbankaw flus jew thallsu flus appartenenti lis-socjeta`.*

*Dawn l-affermazzjonijiet huma michuda kategorikament mill-esponenti eccipjenti bhala ghal kollox gratuwiti, u konsegwentement foloz.*

*8. Similment foloz huma l-allegazzjonijiet maghmula mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti eccipjenti, kif espressi fil-paragrafi 5 u 6 tar-Rikors Guramentat.*

*9. Kontra dak allegat mill-atturi fil-paragrafu 7 tar-Rikors Guramentat taghhom, huma l-istess intimati eccipjenti li salvaw u ghadhom qed isalvaw il-patrimonju tas-socjeta` "Magri & Zammit", wara li l-attur abbanduna l-amministrazzjoni taghha, u dana minkejja kull ostakolu li l-istess attur holoq u ghadu qed johloq sal-llum.*

*10. Ghaldaqstant ghad-diversi ragunijiet premessi, l-esponenti eccipjenti jissottomettu li l-azzjoni odjerna ghandha tigi michuda in toto, bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

**Rat illi fl-udjenza tad-19 ta` Gunju 2012 il-qorti accettat il-qbil tal-partijiet illi kull prova li saret fil-kawza bin-nru. 230/12 JZM tkun tghodd bhala prova anke ghall-fini ta` din il-kawza, billi z-zewg kawzi kienu konnessi u kienu mexjin flimkien.**

**Rat illi fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2017 il-qorti laqghet talba tal-partijiet sabiex taghti decizjoni dwar l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet attrici.**

Semghet ix-xhieda, u rat il-provi l-ohra.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saru fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2020.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet attrici.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Provi

**Victor Camilleri** xehed illi huwa accountant u awditur.

Xehed illi l-attur kien ikkonsulta mieghu sabiex jistabilixxi l-qaghda finanzjarja tas-socjeta` Magri and Zammit. L-attur laqqghu ma` David Zammit li kien jiehu hsieb l-*accounts.* L-informazzjoni li ghaddielu l-attur ma kenitx bizejjed sabiex ikun jista` jaghti parir. Ghalhekk fisser lil Zammit x`kien jehtieg. Qabel iltaqa` ma` Zammit kien diga` kkorrisponda. Fil-fatt talbu informazzjoni li pero` Zammit ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu. Ried ikun jaf x`kienu l-assi u d-djun tas-socjeta`. Bghatt lil Zammit emails b`dak li kien jehtieg ; kopji tal-emails marru ghand is-socji.

Kompla jixhed illi huwa ried ikun jaf x`kien dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi bhala income tax, VAT u kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali. Ried ikun jaf x`depoziti bankarji kien hemm u jekk kienx kirja dovuti. Barra minn hekk ried ikun jaf jekk is-socjeta` kellhiex taghti u tiehu flus. Ma kellux risposta ghal dawn il-kwesiti. Fisser li Zammit kien qed ighid li ma setax jaghti l-informazzjoni ghax ma kellux *opening balances*. Fi stadju minnhom Zammit qallu biex ikellem lis-socji. Bhala fatt baqa` ma hejja ebda rapport ghall-attur ghaliex baqa` sprovvista mill-informazzjoni li kien jehtieg.

Stqarr illi fil-kors tal-kawza nru. 230/12 JZM huwa kien inkarikat jaghmel *business valuation*. Dak iz-zmien l-ahwa Anthony, Stephen u Emanuel Magri kellhom skrivan jismu Noel Scerri li kien jiehu nota tal-bejgh li kien isir kuljum. Huwa ha informazzjoni minghandu. Ghall-2004, il-profitt kien ta` Lm 13,544.

Fil-**kontroezami**, xehed illi ghamel valutazzjoni billi ha l-profitti tas-sena precedent moltiplikat b`hamsa. Huwa kien konxju li kien hemm dizgwid bejn l-ahwa meta nghata l-inkariku li jaghmel il-valutazzjoni. Huwa spjega li mill-mod kif kienu ghaddejjin il-hwienet finalment kellu jkun rifless it-*turnover*. Il-post tan-negozju kellu effett fuq it-*turnover* generat. Qal illi ma jafx ghalfejn il-marka *Springfield* ma baqghetx tal-grupp.

Stqarr illi kien ilu mis-snin disghin jaghmel l-audit tal-kumpanniji tal-ahwa Magri. Waqaf meta beda l-inkwiet bejniethom. Huwa ma ghamel ebda audit tas-socjeta` billi kienet socjeta` en nom collectif. Ma kienx involut fil-kontabilita` tas-socjeta` ghall-fini ta` taxxa. Spjega li l-kotba tas-socjeta` kienu jinzammu fl-istess ufficju fejn kienu jinzammu l-kotba tal-kumpanniji. Il-book keeper Noel Scerri kien jiehu hsieb il-kotba dak iz-zmien. L-attur kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni. Kien jaf bhala fatt li s-socjeta` kienet timporta l-hwejjeg u gieli kienet taghmel distribuzzjoni taghhom lill-kumpanniji tal-ahwa Magri. Is-socjeta` kellha zewg hwienet mikrija lilha.

**<u>Il-konvenut Emanuel Magri</u>** xehed li hu flimkien ma` hutu Anthony u Stephen kienu socji ta` Magri and Zammit. Kull wiehed kellu sehem ta` terz. Is-socjeta` kienet taghmel negozju ta` bejgh ta` hwejjeg tal-irgiel. Maz-zmien inqala` disgwid bejniethom. Illum is-socjeta` giet xjolta b`decizjoni tal-qorti u tinsab fi stat ta` stralc.

Xehed li flimkien ma` ibnu Brian huma azzjonisti u diretturi tal-kumpannija Future Fashions Limited li taghmel negozju fil-hwejjeg tal-irgiel u li kienet iffurmata fl-2008.

Stqarr illi Magri and Zammit kellha kont mal-Bank of Valletta. Spjega li f`Magri and Zammit, jistghu jittiehdu decizjonijiet minn tnejn mis-socji. Hu u Anthony kienu qalu lill-attur sabiex jifthu kont iehor biex ikunu jistghu imexxu s-socjeta`. L-attur beda jaghmel ifixkel il-hidma taghhom ; ma riedx jinvolvi ruhu fit-tmexxija tal-hanut. Spjega li kellu jsir kont biex minnu jithallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u kontijiet ohra. Ghad li kien hemm kont li seta` jopera bil-kunsens ta` tnejn mis-socji, hu u Anthony xorta fethu kont iehor.

Fisser illi huma kienu javzaw lill-attur sabiex jattendi ghal-laqghat tas-socjeta` izda l-attur ma kienx jattendi. Billi l-attur kien jopponi kull proposta taghhom, huma dehrilhom li kien ikun ahjar jekk jintefah kont separat sabiex ikunu jistghu jahdmu. Spjega li minn dan il-kont qatt ma hadu xejn huma personalment u l-kont intuza sabiex fih ikunu depozitati l-flus li kienu thallsu bhala rigal meta kienet ceduta l-kirja tal-hanut ta` Republic Street, Valletta, u sabiex thallsu kontijiet tas-socjeta`. Ghalkemm il-flus depozitati fil-kont kienu tas-socjeta`, il-kont infetah fl-isem personali tieghu u ta` Anthony. Ghalkemm l-attur kien avzat li kien ser jinfetah dak il-kont, ghazel li joqghod lura.

Stqarr illi sabiex in-negozju ma jisfax mitluf, hu u Anthony mexxew huma. Is-socjeta` ma ghamlet ebda akkwisti minn barra.

Sahaq illi l-inkwiet beda meta l-attur beda jirrifjuta li jippartecipa attivament fis-socjeta` u inoltre beda jostakola lilhom.

Xehed illi s-socjeta` kienet tikri zewg hwienet fil-Belt Valletta. Fl-ahhar zminijiet, kellha zewg impjegati, imbaghad spiccat b`wiehed, sakemm ma kellhiex aktar impjegati. F`mument minnhom ghall-hanut ta` Triq ir-Repubblika ma kellhomx aktar *stock.* Meta s-sid talab lura l-post, hu u Anthony ftehmu mieghu li jaghtu lura l-post u jhallashom rigal ta` €139,000, minflok hadu riskju li s-sid jiehu l-post bil-qorti. L-attur qatt ma ha sehem fid-diversi laqghat li kellhom mas-sid.

Kompla jixhed li kien hemm merkanzija destinata ghal kumpannija ohra taghhom li kienet ghadha d-Dwana. Kienet merkanzija li kienet ordnata qabel bdew il-proceduri ghal-likwidazzjoni u stralc tal-kumpannija. Il-merkanzija ma setghetx tibqa` d-Dwana. Wara li kienet sdoganata, il-merkanzija nbieghet kwazi fit-totalita` taghha u r-rikavat mar f`kont il-bank. Ir-rikavat mar favur is-socjeta`. Hu u Anthony akkwistaw il-merkanzija minghand l-istralcjarju tal-kumpannija. Ghamlu dak il-pass ghaliex dak iz-zmien kien ghad ghandhom xi impjegati u l-kirjiet tal-hwienet kienu ghadhom ghaddejjin izda ma kellhomx xi jbieghu billi kien sprovvisti minn *stock*. Hu u Anthony Magri hallsu minn buthom sabiex sar l-akkwist tal-merkanzija minghand l-istralcjarju. In segwitu thallsu lura dak li kienu hallsu mir-rikavat tac-cessjoni tal-kirja tal-hanut ta` Triq ir-Repubblika. Il-bilanc kien depozitat fil-kont tal-bank li ghalkemm f`isimhom kienu flus tas-socjeta`. Huma avzaw lill-attur b`kull ma kien qed isir.

Sahaq illi hu u Anthony dejjem attendew ghal-laqghat. Inzammu l-minuti tal-laqghat. L-attur ma kienx jippartecipa. Ghamlu li setghu sabiex isalvaw is-socjeta` mix-xoljiment kont li l-kumpanniji ta` bejniethom kienu xjolti u kienu qeghdin jigu stralcjati.

Kompla jixhed li ma setghux joperaw il-hanut l-iehor peress li ma kellhomx flus biex jahdmu u mill-flus li nghataw mis-sid tal-hanut ta` Triq ir-Repubblika riedu jhallsu l-kontijiet. Ghalkemm kien fadal xi flus, kienu rinfaccjati b`sitwazzjoni fejn l-attur kien il-hin kollu joggezzjona

ghal kull proposta jew decizjoni li riedet tittiehed. Is-socjeta` ma kenitx xjolta qabel biex ma jitilfux il-lokazzjoni tal-hwienet. Ippreciza li l-hanut ta` Triq Santa Lucia kien maghluq u l-kirja kienet tas-socjeta`.

Fisser illi bhala fatt is-socjeta` ma kenitx taghmel negozju ghaliex in-negozju kien isir mill-kumpannija Magri and Zammit Retail. Lanqas kellha facilitajiet bankarji. L-unika funzjoni li kellha s-socjeta` kienet li zzomm attivi l-kirjiet ; xejn izjed.

Xehed illi Future Fashions Limited tbiegh prodotti tal-marka "Springfield*".* Fi zmien precedenti, din id-ditta estera kienet rapprezentata minn Magri and Zammit Retail Ltd skont *franchise agreement* tal-14 ta` Awissu 2000. Kien hu li hadem biex din id-ditta estera tigi Malta. Fil-*franchise agreement,* kien stipulat illi jekk xi parti fil-kuntratt tieqaf topera, l-*agreement* kien jintemm *ipso facto.* Il-Grupp "Cortefiel" (li minnu "Springfield" taghmel parti) kienu jafu li kien hemm id-dizgwid bejn l-ahwa u kienu qeghdin isegwu dak li kien qieghed jigri. Meta l-kumpanniji Magri and Zammit kienu xjolti u mqeghda fi stralc, il-*franchise agreements* li kellhom ma` diversi ditti barranin (inkluza Springfield) gew fi tmiemhom. Huwa ma kellu l-ebda interess li r-rapprezentanza Malta tad-ditta Springfield tispicca ghand terzi ; ghalhekk b`kumpannija tieghu kkonkorra ma` terzi u kiseb ir-rapprezentanza ta` "Springfield".

Xehed li huwa l-uniku azzjonista tal-kumpannija Zaira Holdings Limited li akkwistat il-hanut ta` Triq ir-Repubblika. Zaira Limited kienet kumpannija li kellha n-negozju ta` *underwear*. Huwa cahad li din il-kumpannija ghamlet negozju dirett ma` "Springfield". Ittrattat mad-ditta tal-*underwear* bl-isem "Women`s Secret" ; anke din taghmel parti mill-Grupp Cortefiel.

Kompla jixhed illi l-partner tieghu hadet ir-rapprezentanza tad-ditta "Women`s Secret".

Cahad li Zaira Holdings Limited taghmel negozju fl-ilbies tal-irgiel. Il-kumpannija ghandha l-bini fi Triq ir-Repubblika fejn illum hemm il-hanut tad-ditta "Promod". M`ghandu l-ebda konnessjoni diretta jew indiretta ma` "Promod".

Fil-**kontroezami** xehed illi ma` hutu l-attur u l-konvenut Anthony, kien hemm : is-socjeta` u l-kumpanniji Magri & Zammit Retail Limited u Magri & Zammit Holdings Limited. Ghalkemm is-socjeta` kienet l-inkwilina tal-hwienet tal-Belt Valletta, in-negozju kien gestit mill-kumpanniji. In-negozju mill-hwienet waqaf hekk kif dawn ma kellhomx aktar stock ta` hwejjeg xi jbieghu. Il-kumpanniji kienu jixtru l-stock li mbaghad kien jinbiegh mill-hwienet tas-socjeta`. Bejn il-kumpanniji u s-socjeta` qatt ma kien hemm ftehim formali. Kollox kien mibni fuq fiducja bejn l-ahwa.

Xehed illi meta nqala` l-inkwiet, kienu hu u huh Anthony illi mill-flus personali taghhom xtraw il-materjal minghand l-istralcjarju sabiex ibieghu u jzommu l-hwienet miftuha.

Stqarr illi l-bilanc mir-rikavat tar-rigal ghac-cessjoni tal-hanut ta` Triq ir-Repubblika, wara li hu u huh Anthony hadu lura l-flus li hargu minn taghhom ghall-akkwist tal-materjal li nbiegh fil-hwienet, kien ta` €65,546.72. Dan mar fil-kont tal-Bank of Valletta.

Spjega illi kienu d-diversi r-ragunijiet ghad-dizgwid bejn l-ahwa. Kien hemm il-kwistjoni dwar ir-rapprezentanza tad-ditta Women`s Secret. Dak iz-zmien il-kumpanniji kienu qeghdin jikkunsidraw ir-rapprezentanza tad-ditta pero` ma waslux. Gara li hu kien offrut l-opportunita` li jiehu hu r-rapprezentanza ta` d-ditta pero` rrifjuta peress illi hu kien parti fil-kumpanniji. Madanakollu huwa offra d-ditta lill-mara tieghu, dak iz-zmien is-siehba tieghu, Sharon Cachia, li accettat u fethet erba` hwienet. In segwitu ghalqet il-hwienet u r-rapprezentanza tad-ditta ghaddiet ghand kumpanniji ohra li maghhom huwa m`ghandu ebda konnessjoni.

Stqarr li raguni ohra ghad-dizgwid kienet marbuta mal-fatt li l-ahwa ma qablux bejniethom illi l-mara tal-attur tghin fiz-zamma tal-*accounts.*

Xehed illi huwa ressaq diversi proposti ghall-qasma tal-proprjetjajiet izda baqa` ma ntlahaq ftehim u konsegwenza ta` dan saru kawzi.

Fisser illi wara l-2002 ma sarux *audited accounts.* L-attur kien jiehu hsieb l-*accounts* ; Victor Camilleri kien l-bhala awditur. In segwitu

fuq parir ta` Deloitte kien inkarikat David Zammit bhala *accountant* sabiex ighin fiz-zamma tal-kotba. Dawn illum jinsabu ghand l-attur.

Rigward ir-rapprezentanza ta` Springfield, insista li ladarba l-kumpanniji kienu xjolti, il-*franchise agreement* ma` Cortefiel ghar-rapprezentanza ta` Springfield intemm. Fis-27 ta` Mejju 2008, Future Fashions Ltd ghamlet *franchise agreement* ma` Cortefiel S.A. ghar-rapprezentanza ta` Springfield. Dan il-kuntratt sar wara li l-kumpanniji kienu xjolti b`ordni tal-qorti.

**Romuald Attard** mill-Bank of Valletta plc xehed illi kien hemm kont f`isem Anthony Magri u Noel Magri bin-nru. 40017163550 li nfetah fit-30 ta` April 2008. Ipprezenta statement li jwassal sat-28 ta` Marzu 2013. Il-kont kien ghadu miftuh. Il-kont ma kellux xi *special designation*. Kienet prezentata wkoll l-*opening of account form* tal-kont kif ukoll kopja tal-*joint account form* bil-firem tal-firmatarji.

**David Zammit** xehed illi huwa *accountant* beda jaghmel xoghol ghall-kumpanniji tal-ahwa Magri fl-2006. Dak iz-zmien l-attur kien jiehu hsieb l-*accounts.* Emanuel u Anthony Magri kienu mhassba dwar il-mod kif kien qieghed jitmexxa l-ufficcju u riedu jaraw aktar kontroll kemm fl-infieq kif ukoll dwar id-depoziti fil-bank. Huwa dahhal sistema gdida ta` kontroll u rrapporta lura dwar dan. Fl-istess waqt gibed l-attenzjoni dwar somma ta` Lm 5,923.27 li ghalkemm ingabret mill-attur, baqghet ma gietx depozitata l-bank.

Xehed illi billi kienu ghaddejjin prroceduri ta` likwidazzjoni mill-qorti, in-negozju ma kienx qieghed jinghata bizzejjed attenzjoni u l-qaghda tan-negozju kienet hazina hafna. Meta saret il-likwidazzjoni tal-kumpanniji, Emanuel Magri u Anthony Magri insistew illi jinzammu *management meetings*. L-iskop kien sabiex ma jintifilux iz-zewg hwienet li kellha l-*partnership* fil-Belt Valletta. Dawn iz-zewgt hwienet kellhom kirja antika.

Spjega illi l-*partnership* ma kienet tirrapprezenta ebda ditta tal-hwejjeg peress illi d-ditti relattivi kienu rapprezentati mill-kumpanniji li kienu qeghdin jigu likwidati. Minkejja li bdew jissejhu l-*management meetings*, kif jirrizulta mill-minuti tal-laqghat, l-attur ma kienx qieghed jikkopera u kien hemm bosta drabi meta ma attendiex ghal laqghat. L-attur ried jara l-kotba tal-*partnership*. Fil-fatt huwa ghaddielu l-kotba bil-patt li jgibhom lura izda qatt ma ghamel dan.

Ighid illi problema li ffaccjat il-*partnership* kien ix-xiri ta` *stock* gdid ghaliex Stephen Magri kien kontra l-akkwist ta` aktar *stock*. B`hekk giet f`sitwazzjoni fejn setghet biss tbiegh *stock* ezistenti u meta bieghet dak kollu illi kellha spiccat li kellha twaqqaf l-operat taghha ghal kollox. L-uniku skop li ghalih inzammet hajja l-*partnership* kien biss sabiex ma jintilfux il-kirjiet vantaggjuzi tal-hwienet fil-Belt Valletta. Gara pero` illi s-sid tal-hanut fi Triq ir-Repubblika beda jitlob lura l-pussess battal tal-fond u ghalhekk Emanuel u Anthony Magri ma kellhomx triq ohra ghajr illi jilhqu ftehim mas-sid u jirrilaxxjaw il-fond.

Stqarr illi ghalkemm Stephen Magri kien jghid li ma kellux stampa cara tal-*accounts,*, fil-verita` din kienet biss skuza sabiex ixxekkel l-operat tal-*partnership*.

Fil-**kontroezami** xehed fl-2006 Raphael Aloisio minn Deloitte kien qallu sabiex jaghmel kuntatt mal-ahwa Anthony u Emmanuel Magri sabiex ikun l-*accountant* taghhom. Dak iz-zmien l-*accounts* tal-kumpannija kien jiehu hsiebhom Stephen Magri. L-audit kien fdat lil Victor Camilleri.

Stqarr li dak iz-zmien diga` kien hemm l-inkwiet bejn l-ahwa Magri.

Spjega illi fl-ewwel gimgha ta` hidma tieghu sab diskrepanza fil-kontijiet ta` Lm 5,923.

Minnufih gibed l-attenzjoni tal-ahwa Magri dwar dan il-fatt.

F`email li waslet ghandu minghand Dr. Robert Tufigno, iirrizulta illi l-attur accetta li kien hemm somma ta` Lm5,100 li kien zamm ghandu.

Xehed illi baqa` jaqdi fl-inkariku ghal hames snin.

Stephen Magri kellu jiehu hsieb id-*day-to-day management*.

Qal illi jaf li Stephen Magri talab li jkollu access ghall-kotba. Jaf li l-kotba mar gabarhom Stephen Magri stess direttament minghand David Zammit. Jaf li ghalkemm intalab jiffirma ghall-kotba, Stephen Magri irrifjuta li jaghmel dan. Il-kotba baqghu ma gewx ritornati.

Minhabba d-dizgwid bejn l-ahwa l-kumpanniji u l-*partnership* gew daharhom mal-hajt u ma setghux joperaw aktar.

**Anthony Magri** xehed illi l-*partnership* kienet giet krejata minn missieru u miz-ziju u giet ghandhom kif miet missieru u kif ceda sehmu z-ziju. Missierhom miet fl-1986 mentri z-ziju ceda sehmu xi sentejn wara. Dak iz-zmien huh l-iehor Louis kien ukoll involut izda nqata` minn maghhom fl-1999. Spjega li l-*partnership* kienet il-mezz li bih kienu jinnegozjaw. Kif miet missierhom, kienu bdew jitkellmu biex ikabbru ; huwa kien sab hanut tas-Sliema fl-1988. Dan kien b`kera izda fil-kuntratt kienu ftehmu li setghu jakkwistaw il-post fi zmien 25 sena. U hekk sar.

Stqarr illi r-*returns* tat-taxxa kienu jsiru minn Noel Scerri li kien jghaddihom lill-attur. Imbaghad kienu jiltaqghu dwarhom. L-attur kien fl-amministrazzjoni u kien jiehu hsieb il-hlasijiet. Kien jiehu hsieb is-sezzjoni li tixtri u li taghmel qomos, flokkijiet u ggieget. Louis kien jaghmel l-istess izda kien jixtri l-ilbies u Noel kien jiehu hsieb il-hanut - *Playboy*. Kien hemm zmien fejn kienu ghamlu *diversification* tan-negozju billi dahlu anke fil-*catering.*

Kompla jixhed li nqala` nkwiet bejn l-ahwa. Huh Noel kien beda proceduri sabiex ixolji l-kumpanniji. Minhabba l-inkwiet li kien hemm in-negozju beda sejjer lura sakemm waqaf ghal kollox. Il-*partnership* baqghet biss topera sabiex tbiegh *stocks* qodma. Fil-kors tal-proceduri tal-likwidazzjoni saret ukoll divizjoni u assenjazzjoni tal-hwienet u ta` stocks qodma. Saru diversi tentattivi ta` ftehim izda qatt ma waslu. Eventwalment il-kumpanniji kienu xjolti mill-qorti.

Dwar il-hanut fi Triq ir-Repubblika, Valletta, fisser li l-post riedu lura s-sid. Kien inkarikat perit sabiex jistma l-valur tal-fond. L-attur ma hax posizzjoni dwar x`kellu jsir mill-post. Sar ftehim mas-sid abbazi tal-istima tal-perit u ha lura l-post.

Spjega li d-diffikutajiet kienu gejjin min-naha tal-attur li kien qieghed jopponi ghal kull decizjoni li riedet tittiehed u ma kienx jattendi ghal-laqghat ta` bejniethom sabiex jaslu ghal ftehim.

Dwar is-somma li thallset mis-sid sabiex kienet ceduta l-kirja tal-hanut ta` Triq ir-Repubblika, Valletta, xehed illi l-flus ma kienux depozitati l-bank fl-intier taghhom ghar-raguni li d-Dwana kien ghad hemm *stock* li kien kellu jigi rilaxxjat. Fil-kors tal-process ta` likwidazzjoni kien propost li l-*stock* jigi rtirat mid-Dwana sabiex il-*partnership* kien ikollha xi tbiegh sakemm jintlahaq ftehim bejniethom it-tliet ahwa. L-attur irrifjuta li jhallas is-sehem tieghu ghall-merkanzija. Ghalhekk hu u Noel hallsu huma minn flus taghhom. Meta thallas ir-rigal mis-sid tal-hanut ta` Triq ir-Repubblika, Valletta, minnha zammew ghalihom parti bhala rimbors tal-flus li kien hargu huma, u l-bilanc kien depozitat il-bank.

Kompla jixhed illi l-*accounts* kienu fdati f`idejn l-attur ghalkemm kellu min ighinu. Huma kienu jafdaw lill-attur b`ghajnejhom maghluqa u qatt ma kellhom dubji dwar kif kien qed izomm l-*accounts*. Victor Camilleri kien l-awditur.

Qal illi bhala rizultat tal-qasma, hu u Noel hadu somma flus kull wiehed. L-attur ukoll ha daqshom izda fuq parir li nghata ghazel li ma jizbankax is-somma fl-istess zmien bhalhom izda aktar tard fiz-zmien. Qabel sar l-izbank, saret laqgha bejniethom it-tliet flimkeien ma` Dr. Michael Tanti Dougall. Fid-diskussjonijiet dwar il-qasma, l-enfasi kienet fuq il-qasma tal-proprjeta`. Ma saret ebda diskussjoni dwar *goodwill.*

**Amanda Poole** mir-Registru tal-Kumpanniji pprezentat l-M&A flimkien ma` l-*abridged financial statements* ta` Future Fashions Limited (C 43776) li kienet registrata fl-14 ta` Marzu 2008.

**L-attur** xehed li hu u hutu Anthony u Noel kienu azzjonisti fi tliet kumpanniji : Magri and Zammit Operations Limited ; Magri and Zammit Retail Limited ; u Magri and Zammit Holdings Limited. Kien ukoll socji tas-socjeta` en nom collectif Magri and Zammit.

Xehed li l-inkwiet bejniethom beda fl-2001 meta Noel beda relazzjoni barra z-zwieg ma` Sharon Cachia. Ftit taz-zmien wara Noel

ipprezenta kawza kontra tieghu u kontra Anthony abbazi tal-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

Kompla jixhed li dak iz-zmien, Noel talabhom sabiex jidhlu garanti ghalih. Dak iz-zmien kien hemm ditta *Women`s Secret* li kienet parti mill-Grupp *Cortefiel* li kellha wkoll id-ditta *Springfield* li kienet rapprezentata Malta minn Magri and Zammit Retail Limited. Noel ried jibda n-negozju tieghu sabiex ikollu flus mnejn ihallas l-ispejjez ta` kawza ghall-annullament taz-zwieg tieghu. Hu u Anthony Magri oggezzjonaw ghax ma ridux li Noel jaghmel negozju f`kompetizzjoni diretta maghhom.

Stqarr illi ma kienx permess mill-M&A tal-kumpanniji li jkun hemm kompetizzjoni diretta. Noel kien siefer flimkien ma` Anthony biex jaghmlu ordnijiet. Noel ipprezenta zewg pjanti lid-ditta *Cortefiel* sabiex jiftah zewgt ihwienet ta` *Women`s Secret*. Hu u Anthony kienu oggezzjonaw anke mar-rapprezentanti ta` *Women`s Secret*. Intant Noel u Anthony kienu nkarigati sabiex ifittxu hanut f`Birkirkara sabiex Magri & Zammit Retail Limited tiftah *outlet* ghall-bejgh ta` hwejjeg tad-ditta *Springfield*. Gara pero` illi meta sabu hanut f`Birkirkara, bdew jiggieldu ghalih bejniethom ghax kull wiehed minnhom ried il-post ghal uzu personali. Il-hanut spicca fethu Noel bhala *outlet* ta` *Women`s Secret*.

Kompla jixhed illi r-relazzjoni bejn it-tliet ahwa baqghet sejra lura. Noel mexxa b`kawza sabiex jasal ghax-xoljiment tal-kumpanniji. Noel kien imexxi n-negozju. Meta gew Malta r-rapprezentanti ta` *Springfield* dawn gew infurmati li n-negozju ma kienx sejjer tajjeb u ntalbu jiehdu azzjoni. Huwa kien nominat biex jibda jmexxi *Springfield*. Mhux minnu li kien hu li nehha lil NMoel mit-tmexxija ta` *Springfield*, izda kienet decizjoni tal-bord.

Kompla jghid li wara li Noel ipprezenta l-kawza, fl-2003 Anthony Magri bidel fehmtu u talab li jiehu sehmu wkoll biex b`hekk huwa spicca *minority shareholder.* Xehed illi hu u Anthony kienu rrispondew il-kawza fis-sens li riedu li l-kumpanniji jibqghu joperaw peress li kellhom *brands* tajbin hafna. Meta Anthony talab sehmu kien hemm applikazzjoni mal-MEPA bin-nru. 03577.04 li kien ipprezenta Anthony ghal hanut tal-hwejjeg ghaliex kien qed jinteressa ruhu fid-ditti l-ohrajn. Huwa rregistra l-oppozizzjoni tieghu ghal dak li kien qed isir u sahansitra pprezenta protesti gudizzjarji.

Kompla jixhed illi ghal habta ta` Ottubru 2004, saret *draw down* ta` self fl-ammont ta` Lm 130,000. Huwa kienx jaf kif ingibdu dawn il-flus. Induna mill-*istatement* li gie mill-bank. Meta ndaga mal-bank, kien infurmat li Anthony u Noel kienu hadu Lm 65,000 kull wiehed. Min-naha tieghu huwa ma kienx accetta li jittiehdu dawn il-flejjes ; kien anke kellem lill-avukat tieghu li baghtilhom ittra legali. Huwa pprezenta wkoll mandate. Qal illi huwa ma thallasx tas-sehem tieghu, sakemm thallas mill-istralcjarju fl-2012.

Stqarr illi apparti l-kawza odjerna huwa pprezenta wkoll il-kawza bin-nru 230/12 sabiex tkun xjolta l-*partnership*. Din baqghet tinnegozja. Huwa ppretenda li setghu jmexxu l-*franchises* li kellhom, billi *Springfield* hadha Noel mentri l-ohrajn ma sar xejn dwarhom. Anthony offra li jista` jaghti s-sehem tieghu b`xejn. Hu u Noel offrew li jkomplu jmexxu flimkien jew separatament. Huwa ried ikun jaf il-pozizzjoni tal-*partnership* peress li z-zewgt ihwienet kienu b`kera f`isem il-partnership. Huwa talab minn hutu nformazzjoni minghand hutu dwar l-attiv u l-passiv tal-*partnership* ; talab ukoll l-*accounts.* Billi ma nghatawx huwa nkariga lil Victor Camilleri bhala awditur. Insista li kien jattendi ghal-laqghat tal-*partnership* bil-maqlub li dak li xehed huh Noel.

Stqarr illi huwa kien informa lil hutu li kien interessat f`wiehed mill-hwienet li kienu mikrija lill-*partnership*, izda baqa` jinsisti li sabiex jiehu decizjoni, ried ikun jaf x`kienet il-pozizzjoni taghha. Wara xi gimghat, hutu hadu decizjoni li jcedu l-kera tal-hanut ta` Triq ir-Repubblika, Valletta, ghall-prezz ta` €139,000, meta huwa kellu valutazzjoni mill-Perit Paul Camilleri li fl-2004 kien ivvaluta l-fond fl-ammont ta` Lm 400,400. Spjega li minn qari tal-minuti irrizulta li l-€139,000 kienu ser jitpoggew fl-account tal-*partnership* izda din is-somma baqghet ma rrizultatx. Ikkonferma li huwa ha terz mill-ammont.

Ikkonferma li l-flus tweghdu go kont li il-bank li hutu kienu fethu f`isimhom meta l-*partnership* diga` kellu *current account.* Ghalhekk ma kien hemm ebda raguni li jifthu l-kont f`isimhom it-tnejn biss.

Fil-**<u>kontroezami</u>** xehed illi l-*franchises* kienu tal-kumpanniji mhux tal-*partnership* billi din ma kellhiex *franchises*. Fl-istess waqt stqarr illi huma kienu grupp wiehed u kienu jaghmlu gestjoni wahda. Zmien qabel, kollox kien tal-*partnership.* Meta saru l-kumpanniji, id-ditti li kienu rapprezentati mill-*partnership* marru kollha fuq il-kumpanniji. Fl-2001 in-negozju u l-*overdrafts* b`kollox li kellha l-*partnership* marru kollha fuq il-kumpanniji. Kull ma zammet il-*partnership* kienu l-kirjiet.

Ikkonferma li kien hu li zamm il-kotba tal-kumpanniji sal-2006 sakemm dahal David Zammit li hadlu postu. Spjega li kien hemm *accountant* li kien jipprepara l-*accounts*. Sostna li meta kien izomm il-kotba, il-volum tan-negozju tal-*partnership* kien tajjeb hafna. Sostna li fil-*partnership* baqa` ammont konsiderevoli ta` negozju ghalkemm il-bejgh mill-kumpanniji beda jizdied meta kellhom il-*franchises*. Huwa sostna li r-raguni ghalfejn saru l-kumpanniji kienet li kienu bdew jespandu u nghataw parir li l-proprjeta` li kienu qed jixtru kellha tkun akkwistata mill-kumpanniji. Huwa accetta li sakemm inqala` d-dizgwid, huwa kellu r-rwol principali fl-amministrazzjoni tal-kumpanniji waqt li hutu kienu aktar jiehdu hsieb il-hwienet. Ikkonferma li dahal haddiehor biex jiehu hsieb il-kotba meta saret il-kawza ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpanniji.

Spjega li huwa kien qed jitlob informazzjoni tramite l-avukat biex ikun jista` jiehu decizjonijiet infurmati izda ma kienx qed jinghata risposti. Ikkonferma li kien anke attenda laqghat u talab din l-informazzjoni. Kompla jghid li huwa kellu access ghal *bank account* tal-*partnership* fejn hemm ismu. Insista li fl-2008, iz-zewg hutu fethu kont f`isimhom u bdew jqeghdu flus f`dak il-kont. Huwa staqsa lil David Zammit u lil hutu l-ohra dwar dejn tal-*partnership*. Spjega li fl-2008, kien jghaddi mill-hanut u jarahom qed joperaw. Minn hemm sar jaf li kien infetah il-kont li semma. Fih kien qed jigi depozitat ir-rikavat tal-bejgh. Il-hwienet waqfu joperaw fl-2011.

Qal illi wiehed mill-hwienet kien ritornat lis-sid u nghalaq, mentri l-iehor baqa` miftuh u mbaghad inghalaq ghax hutu f`laqgha minnhom kienu qalu li l-bejgh kien nizel hafna u ma kellhomx aktar x`ibieghu. Huwa kkonferma li riedet tinxtara l-merkanzija sabiex jista` jkun hemm bejgh. Sostna li ma kienx jaf bil-proposta ta` hutu li l-merkanzija tinxtara *on a cash basis* biex il-*partnership* ma tinkorrix dejn. Ghalkemm kien hemm bizzejjed flus fil-kont sabiex tinxtara l-merkanzija, huwa ma kienx dispost li l-*partnership* tinkorri dejn biex tixtri l-merkanzija, peress illi l-klima bejn l-ahwa ma kenitx tajba.

Stqarr illi l-ahhar laqgha li attenda kienet dik ta` Marzu 2011 li saret fl-ufficcju ta` David Zammit. Spjega li kienu jissejhu laqghat tal-grupp, ossija kemm tal-kumpanniji u kif ukoll tal-*partnership*. Fl-2008 kienu xjolti l-kumpanniji u nhatar stralcjarju izda l-*partnership* baqghet tezisti. Kienu jsiru laqghat tal-kumpanniji u tal-*partnership* anke waqt li kienet ghaddejja l-kawza. Ghall-ewwel kienu jattendu l-ahwa izda

mbaghad huh Noel qabbad avukat biex jidher minfloku u ghalhekk huwa ghamel l-istess. Apparti dawn il-laqghat, kienu jsiru wkoll *management meetings* fl-ufficcju taghhom anke waqt li kienet ghaddejja l-kawza ghax-xoljiment tal-kumpanniji.

Kompla jixhed illi waqt li kienet ghaddejja l-kawza, in-negozju tal-*partnership* kien ghaddej normali. Id-decizjonijiet li kienu jittiehdu kienu jittiehdu bid-decizjoni ta` tnejn mit-tliet socji. Fl-2003 huwa sar azzjonista minoritarju u ma kienx qed jaqbel mad-decizjonijiet tant li kien jastjeni jew jivvota kontra fil-laqghat.  Sal-2008, il-*partnership* kienet qed tixtri minghand il-kumpanniji.  Il-*partnership* ma kellhiex strategija kif ma tinkorriex dejn ma` terzi persuni. Sostna li peress li fil-*partnership* kien hemm responsabbilita` personali, il-*partnership* ma kenitx esposta hlief ghal kontijiet normali tal-utilitajiet bhad-dawl u l-ilma.  Huwa ma kienx ikun infurmat b`dak li qieghed isehh fin-negozju.

Stqarr illi f`xi zmien kien propost li huh Anthony johrog mill-*partnership*, imbaghad hu u Noel jaqsmu l-*partnership* bejniethom billi kull wiehed ikollu hanut.  Huwa accetta l-proposta bil-kundizzjoni li jinghata dettalji dwar il-pozizzjoni tal-*partnership*, inkluz l-*accounts* fl-intier taghhom. Spjega li David Zammit fil-laqghat li saru fl-ufficju tieghu ma kienx ta il-pozizzjoni ezatta tal-*partnership*. Ghalhekk kellu jqabbad awditur biex jipprova jifhem izda lanqas dan ma kien qed jifhem ezatt x`kienet il-pozizzjoni.  Huwa baqa` jitlob dan it-taghrif tramite l-avukat tieghu. Ikkonferma li fil-laqghat li saru ma` David Zammit, huwa kien inghata xi *files* tal-*partnership*, liema *files* kienu ghadhom ghandu.

Kompla jixhed li minn dawn il-*files* li gew ghandu fl-2010 jew fl-2011, kien hemm is-*sales* tal-hwienet. Pero` xorta ma setax jasal ghad-dejn li kellha l-*partnership.* Sostna li ghalkemm inghata l-*files* minnhom seta` jara biss x`bejgh kien qieghed isir mill-hwienet. Spjega li l-*partnership* kellha *stock* fl-istore ta` fuq il-hwienet u fl-*istores* tal-Hamrun. Insista li huwa ma jafx li David Zammit qatt qallu li l-*partnership* ma kellhiex djun.  Zammit kien jghidlu li kien ghaddielu d-dokumenti kollha izda l-awditur kien jghidlu li l-ezercizzju ma seta` qatt ikun sodisfacjenti.

Qal li t-taghrif li talab kien jinkludi kemm kellhom jaghtu f`pagi, sigurta` socjali, VAT u utilitajiet.  Spjega li fl-2008, kien hemm tliet impjegati izda ma kienx jaf jekk dawn kinux qed jithallsu. Waqt laqgha kienu trattati l-i*statements* tal-bank fejn fl-ahhar David Zammit tah kopja.

Stqarr illi huwa kien oggezzjona li jsir akkwist ta` *stock* minghand l-istralcjarju tal-kumpanniji. Dak l-i*stock* kien inxtara fiz-zmien ta` bejn l-ordni tal-qorti ghax-xoljiment tal-kumpanniji u fil-pendenza tal-kawza fl-appell. Huwa kien tal-fehma li bl-akkwist ta`dik il-merkanzija kienu tghabbew b`piz bl-aggjunta li kellhom ihallsu dazju u spejjez ohra. Iz-zewg hutu hadu d-decizjoni li jsir l-akkwist.

Sostna li sar jaf li l-i*stock* inxtara mill-*partnership* u li l-i*stock* beda jinbiegh mill-hwienet.

Ikkonferma li fil-laqghat tal-2011, kien gie infurmat li l-i*stock* kien qed jinbiegh.

Il-pozizzjoni tieghu kienet li kellu jiehu Lm 65,000 ta` *drawdown* ta` *loan* li kienu ghamlu hutu. Kellu johodhom mill-kumpanniji u kellu jiehu l-pagi mill-kumpanniji u mill-*partnership*. Madanakollu, huwa kien qed jigi mizmum li jithallas il-paga.

Stqarr illi z-zewg hutu kellhom il-hwienet taghhom. Wiehed kellu *Women`s Secrets* u l-iehor fetah *Carpisa*. Fl-2007, saret applikazzjoni biex Noel tramite s-siehba tieghu jiftah hanut iehor il-Belt u kien qed jipprepara biex jiehu *Springfield*.

Xehed illi ma hasibx fi proposti u lanqas ma haseb dwar x`kellu jsir mill-hanut li kien mikri lill-*partnership* ghalkemm qal li seta` jigi assenjat lil xi wiehed mis-socji jew inkella jigi ritornat lura lis-sid.

Qal illi Tarcisio Scicluna ghamel l-*accounts* tal-*partnership* li kienu jigu pprezentati lill-Kummissarju tat-Taxxi. L-informazzjoni kienet tinghata lil Scicluna minn Noel Scerri. Huwa kien ikun fl-ufficcju jara li x-xoghol qed isir. Spjega li huwa kien izomm kopja biex jaghmel ir-*return* tieghu tat-taxxa. Ipprezenta kopja tal-*accounts* tal-*partnership* ta` bejn l-1998 u l-2004. Qal illi wara l-2004 ma kienx qed ikun hemm qbil bejniethom u l-*accounts* ma baqghux jigu approvati.

Kompla jishaq illi l-*partnership* baqghet tinnegozja sal-2011 izda qal li ma jafx x`sar mill-*accounts* ta` bejn l-2004 u l-2011. Zied jghid

illi ghalkemm sal-2008as-sena 2008 huwa kien ghadu jmur l-ufficcju, ma kienx baqa` jdahhal ir-*return* tal-*income tax* tieghu ghax ma kellux informazzjoni. Matul l-istess perjodu kien baqa` partecipi fit-*trading* tal-*partnership* izda ma kienx qed jigi infurmat b`kollox.  L-ufficcju tal-kumpannija nghalaq mill-istralcjarju.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Fl-azzjoni attrici ssir referenza ghall-Art 30 tal-Kap 386 ; in partikolari is-subartikolu (2).

**<u>L-Art 30 tal-Kap 386</u>** ighid :

*(1) Socju ma ghandux, b`konkorrenza mas-socjetà u minghajr il-kunsens espress tas-socji l-ohra, jaghmel negozju ghalih jew ghal haddiehor jew ikun socju b`responsabbiltà llimitata f`socjetà ohra.*

*(2) Jekk socju jikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), is-socjetà tista` b`ghazla taghha, jew tfittex ghad-danni u imghax lil dan is-socju jew titlob il-hlas ta` kull profitt maghmul minnu bi ksur tal-imsemmija projbizzjoni.*

*(3) L-ezercizzju tad-drittijiet moghtija bis-subartikolu (2) ikun preskritt f`gheluq sentejn mid-data tal-kontravenzjoni.*

Ir-rikorrent jikkontendi li l-jeddijiet, kemm tieghu bhala socju, kif ukoll tas-socjeta`, kienu vvjolati bl-agir taz-zewg socji l-ohra, u cioe` hutu Emanuel sive` Noel u Anthony ahwa Magri.

Mix-xiehda ta` Stephen Magri fil-kawza bin-nru. 230/12, jirrizulta li r-ragunijiet li abbazi taghhom talab ix-xoljiment u l-istralc tal-partnership *en nom collectif* Magri and Zammit (`**<u>is-socjeta</u>**`) kienu :-

i. Illi ghal zmien twil is-socji hutu ntimati mexxew is-socjeta` b`mod arbitrarju fl-interess taghhom, kontra l-interess tas-socjeta`, u kontra l-interess tieghu bhala socju ; inoltre mexxew is-socjeta` bla ma taw rendikont tal-operat taghhom u tal-qaghda finanzjarja tas-socjeta`;

ii. Illi huwa talab informazzjoni u kjarimenti minghand is-socji intimati dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u patrimonjali tas-socjeta` izda din l-informazzjoni baqghet ma waslitx ;

iii. Illi s-socji intimati hadu jew hallsu lilhom infushom flus appartenenti lis-socjeta` jew hadu jew thallsu flus appartenenti jew dovuti lis-socjeta` kif ukoll fethu kontijiet bankarji f`isimhom li fihom iddepozitaw u zbankaw jew thallsu flus appartenenti lis-socjeta`, bla ma kellhom ebda jedd jaghmlu dan skont il-ligi ;

iv. Illi s-socji intimati ghamlu negozju ghalihom jew ghal haddiehor b`konkorrenza mas-socjeta` intimata bi ksur tal-artikolu 30 tal-Kap 386 u tal-klawsola 11 tal-istatut tas-socjeta` ;

v. Illi l-*affectio societatis* bejn is-socji kien spicca ghal kollox.

Mill-assjem tal-provi li tressqu, jirrizulta dawn kienu l-istess ragunijiet illi gab ir-rikorrent in sostenn tat-talbiet tieghu fil-kawza tal-lum.

Lil hinn minn dak li wassal ghall-inkwiet bejn it-tliet socji, jidher li dan imur lura ghall-2001. Jidher li kollox ra l-bidu tieghu fin-nuqqas ta` fiducja fl-agir tal-intimat Emanuel Magri. Dan wassal ghal nuqqas ta` qbil bejn l-ahwa dwar decizjonijiet li kellhom jittiehdu fin-negozju, bil-konsegwenza li bdew il-kawzi li nfirxu wkoll ghal kumpanniji li apparti s-socjeta` kienu ffurmaw bejniethom matul is-snin.

Il-qorti sejra tqis l-ilmenti :-

## i. <u>Tmexxija arbitrarja u minghajr rendikont</u>

L-isfiducja li tnisslet bejn is-socji wasslet ghal stat fejn ma baqax aktar possibbli li jittiehdu decizjonijiet b`mod unanimu jew bi qbil kif dejjem kien isir. Dan l-istat ta` fatt holoq pregudizzju. Il-kumpanniji gew fi stat illi ma setghux ikomplu joperaw ghaliex ma kienx hemm qbil dwar xiri ta` aktar merkanzija u dwar il-gestjoni tan-negozju. Is-sitwazzjoni marret lira tant illi lanqas *audited accounts* ma gewipprezentati.

Il-qorti tistqarr li kull wiehed mit-tliet ahwa ghandu piz xi jgorr dwar il-mod kif svolgew l-avvenimenti.

Tajjeb jinghad illi konsegwenza tas-sitwazzjoni li zvolgiet, Emanuel Magri mar ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpanniji.

Il-kumpanniji kienu xjolti mill-qorti b`decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta` Frar 2008.

Ghalkemm fil-kawza li nieda Emanuel Magri talab ukoll ix-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` t-talba tieghu kienet respinta fl-istess sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-1 ta` Frar 2008 ghal ragunijiet ta` dritt.

Kienet imbaghad din il-qorti kif presjeduta li xoljiet is-socjeta` bi provvediment taghha tas-27 ta` April 2017 u kien ordnat l-istralc ltaghha bil-hatra tar-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju.

Mill-provi jirrizulta li saru diversi laqghat tas-socji anke fil-presenza tal-avukati taghhom. It-tliet ahwa kkonferma d-dizgwid ta` bejniethom. Stephen Magri sahansitra kkonferma li kien hemm diversi laqghat illi ma marx ghalihom ghalkemm kien jaf li kienu se jsiru. Jattribwixxi l-imgieba tieghu ghaz-zewg hutu frott l-isfiducja li kienet qeghda tirrenja bejniethom.

Fl-isfond tat-tilwim gravi ta` bejn is-socji, inkwiet li gab in-negozju tat-tliet flimkien fuq saqajh, is-socji gew f`sitwazzjoni fejn kull wiehed beda jahdem ghal rasu. Gara wkoll illi maz-zmien inbidlu l-alleanzi fis-sens illi waqt li fil-bidu Emanuel Magri kellu liz-zewg hutu kontra tieghu, aktar `il quddiem fiz-zmien Anthony Magri skarika lil Stephen Magri u nghaqad ma` huh Emanuel Magri fid-disputi li kien hemm bejn l-ahwa. Hekk kif gara dan, Stephen Magri ma baqghax imur aktar ghal-laqghat ; l-ahhar wahda li mar ghaliha kienet dik li saret f`Marzu 2011.

Ir-rikorrent jallega li ttiehdu decizjonijiet mis-socji l-ohra b`mod arbitrarju u minghajr ma inghata rendikont tal-operat. Peress illi l-kumpanniji u s-socjeta` kienu ghadhom operattivi, u peress illi kien

ghad fadal decizjonijiet importanti x`jittiehdu, Anthony u Emanuel Magri baqghu jiehdu decizjonijiet li fil-fehma taghhom kienu fl-ahjar fl-interess tal-kumpanniji u tas-socjeta`. Jidher illi dawn id-decizjonijiet ittiehdu fil-laqghat tas-socji. Ghal xi laqghat jidher illi kienu prezenti l-avukati u l-*accountant* David Zammit. L-intimati xehdu illi Stephen Magri dejjem kien avzat bil-laqghat izda huwa ghazel li ma jattendix.

Il-qorti tqis illi l-imgieba ta` Stephen Magri li ma jmurx ghal-laqghat u li ma jippartecipax fid-decizjonijiet li kellhom jittiehdu ma tistax tissarraf f`allegazzjonijiet ta` komportament hazin da parti tas-socji l-ohra. Waqt li r-rikorrent ghazel li ma jiehux sehem fil-laqghat, jew addirittura jopponi fid-drabi li mar, is-socji hutu kienu qeghdin ifittxu toroq kif isalvaw is-sitwazzjoni milli titgharraq irrimedjabilment. Il-qorti qieset id-decizjonijiet li ttiehdu u ssib li kienu fl-interess ta` kull wiehed mit-tlett socji (inkluz tar-rikorrent) ghaliex jekk l-intimati ghazlu li jirkupraw stock li kien diga` akkwistat u li kien baqa` d-dwana sabiex jinbiegh mill-hwienet halli ma jispiccawx sprovvisti minn merkanzija ghall-bejgh, jew jekk ghazlu li fil-kaz ta` hanut minnhom li jcedu l-kirja favur is-sid b`dan ihallas rigal ghac-cessjoni, il-hlas kien se jmur favur it-tliet socji, mhux favur tnejn minnhom ad eskluzjoni tal-iehor. Jekk Stephen Magri deherlu li l-affarijiet ma kinux mexjin tajjeb kien messu ha azzjoni f`waqtha billi fin-nuqqas li jasal ma` hutu jitlob l-intervent tal-qorti sabiex hutu ma jiehdux decizjonijiet li skont hu kienu ta` pregudizzju kemm ghalih bhala socju u kif ukoll ghas-socjeta`. Minn dan ma ghamel xejn fil-kaz tal-merkanzija li kienet id-dwana ; lanqas meta giet biex issir ic-cessjoni tal-kera ta` wiehed miz-zewg hwienet favur is-sid. Ir-rikorrent ma jistax idawwar favur tieghu l-passivita` tieghu.

**Il-pretensjoni tar-rikorrent mhijiex ippruvata ghas-sodisfazzjon tal-qorti.**

**ii. <u>Nuqqas ta` informazzjoni</u>**

Diga` gie rilevat illi kien Stephen Magri li mhux biss ghazel li jiehu pozizzjoni minghajr raguni valida u motivata ta` oppozizzjoni ghal dak li kien qed jigi propost mis-socji l-ohra izda sahansitra ghazel illi joqghod lura milli jattendi ghal laqghat fejn kellhom jittiehdu decizjonijiet fl-interess tas-socjeta` ghalkemm kien avzat biz-zamma tal-laqghat. Mhuwiex b`sahtu l-argument ta` Stephen Magri meta jghid li huwa kien dejjem fil-minoranza u li s-socji l-ohra, ghax fil-maggoranza, kienet qeghda tghaddi taghhom dejjem minkejja r-riservi tieghu. Il-qies

korrett huwa jekk id-decizjonijiet li kienet qeghdin jittiehdu mis-socji in maggoranza kinux ghall-vantagg taghhom personali jew fl-ahjar interess tas-socjeta` u allura tat-tliet socji flimkien.

Ir-rikorrent jikkontendi li ma kellux access ghall-kotba u li ma kienx inghata taghrif dwar il-qaghda finanzjarja. Irrizulta li r-rikorrent kien responsabbli mill-amministrazzjoni waqt li hutu kienu jmexxu l-hwienet. Ghamel zmien twil jiehu hsieb il-kontijiet. Qajla tista` tinghata affidament l-istqarrija tieghu li ma kellux stampa cara tal-qaghda finanzjara tal-kumpannija, anke jekk qal hekk ghaliex meta nkarika lill-awditur Victor Camilleri biex jaghtih direzzjoni dan afferma li kien qed jinghata taghrif karenti jew inkomplet. Bhala fatt irrizulta li meta Stephen Magri talab il-kotba, dawn inghatawlu. Mhux biss izda wara li ha l-kotba, ma tahomx lura, ghalkemm ipprezenta ruhu bhala socju ta` minoranza u allega li s-socji ta` maggoranza kienu jinjoraw il-lanjanzi tieghu. Kif xehed David Zammit, il-kotba kienu jirriflettu l-*accounts*. Ir-rikorrent kellu c-cans kollha jgharbel sewwa l-qaghda finanzjarja u jaccerta ruhu (jew xort`ohra) l-affermazzjoni ta` David Zammit li s-socjeta` ma kellha ebda djun pendenti.

Il-qorti tinnota li ghar-rigward tal-kumpanniji r-rikorrent qatt ma ha azzjoni. Anzi ddefenda ruhu mill-azzjoni li kienet ittiehdet minn huh Noel. Ghar-rigward tas-socjeta`, l-ewwel kawza li ppropona kienet dik fejn talab ix-xoljiment u l-istralc tas-socjeta`. Kien wara li ppropona l-azzjoni odjerna. Tajjeb jinghad ukoll illi minkejja l-ilmenti tar-rikorrent kienu ilhom is-snin li tressqu, ghazel li jipprezenta z-zewg kawzi li kienu jirrigwardaw is-socjeta` fl-2012.

**Il-pretensjoni tar-rikorrent mhijiex ippruvata ghas-sodisfazzjon tal-qorti.**

### iii. <u>Ftuh ta` kontijiet, depoziti bankarji u zbank ta` flejjes</u>

Il-qorti thassbet dwar ir-raguni li wasslet lil Anthony u Noel Magri sabiex jifthu kont bankarju separat u f`isimhom sabiex fih iqeghdu flus destinati lis-socjeta`. It-thassib gie mill-fatt illi rrizulta li s-socjeta` kellha kont il-bank li seta` jithaddem anke fil-firem ta` tnejn mis-socji, u allura anke bl-opposizzjoni tar-rikorrent.

Min-naha taghhom, l-intimati jsostnu li l-kont li fethu l-Bank of Valletta f`isimhom it-tnejn intuza unikament sabiex tkun depozitata fih parti mir-rigal ta` €139,000 li s-socjeta` kienet thallset minghand is-sid meta cediet favur tieghu l-kirja tal-hanut ta` Triq ir-Repubblika. Kienet depozitata parti ghaliex billi l-intimati kienu hallsu minn flus personali taghhom l-ispejjez dovuti lid-dwana sabiex jirtiraw merkanzija li kienet ordnata u li setghet tinbiegh mill-hanut li s-socjeta` kellha fi Triq Santa Lucia, hadu mir-rigal ir-rimbors tal-flus li kienu hargu u l-bilanc kien depozitat fil-kont in kwistjoni. Jidher li l-flus ghadhom fil-kont.

Ir-rikorrent allega wkoll illi l-intimati gibdu s-somma ta` Lm 65,000 kull wiehed. Min-naha tieghu huwa rrifjuta. In segwitu huwa accetta li jithallas sehmu direttament minghand l-istralcjarju.

Minkejja li tibqa` mcajpra l-motivazzjoni ghala kellu jinfetah dak il-kont, jibqa` l-fatt li c-caqlieq tal-flus kien trasparenti u ma saret ebda prova li kien hemm *wrongdoing* min-naha tal-intimati.

**Il-pretensjoni tar-rikorrent mhijiex ippruvata ghas-sodisfazzjon tal-qorti.**

**iv. <u>Konkorrenza</u>**

Ir-rikorrent jimputa lis-socji hutu, in partikolari lil Noel Magri, illi gab ruhu hazin lejn is-socjeta` meta kkonkorra maghha ghall-interess personali tieghu bi ksur tal-Art 30 tal-Kap 386 (*supra*).

Ghalkemm is-subartikolu (1) ma jippermettix li socju *b`konkorrenza mas-socjetà u minghajr il-kunsens espress tas-socji l-ohra jaghmel negozju ghalih jew ghal haddiehor jew ikun socju b`responsabbiltà llimitata f`socjetà ohra,* fl-istess waqt skont is-subartikolu (2) *jekk socju jikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1),* allura ***<u>s-socjetà</u>*** *tista` b`ghazla taghha, jew tfittex ghad-danni u imghax lil dan is-socju jew titlob il-hlas ta` kull profitt maghmul minnu bi ksur tal-imsemmija projbizzjoni.*

**Mela d-dritt ta` azzjoni skont is-subartikolu (2) fil-kaz ta` ppruvata konkorrenza ta` socju skont is-subartikolu (1) jispetta lis-socjeta` mhux lis-socju. Fil-kaz odjern ghalkemm it-talbiet (li mhux qeghdin jigu decizi llum) huma nkwadrati fl-ghazla li**

**jaghti is-subartikolu (2) ma jirrizultax li l-azzjoni fejn din tirrigwarda l-konkorrenza saret mis-socjeta` izda minn socju. Mhux hekk biss imma s-socjeta` kienet imharrka bhala konvenuta fil-kawza.**

**Mela certament mill-punto di vista ta` dritt ta` azzjoni, il-pretensjoni tal-konkorrenza tikkozza mad-dettami tal-ligi. Il-qorti setghet waqfet hemm u warrbet il-pretensjoni fuq pregudizzjali ta` dritt. Pero` mhijiex sejra taghmel hekk forsi tiskansa litigazzjoni futura bejn it-tliet ahwa, billi anke li kieku l-pretensjoni setghet titressaq mir-rikorrenti, mil-lat ta` prova fil-mertu il-pretensjoni ma tirrizultax.**

Stephen Magri jallega li Emanuel Magri agixxa minn wara dahar is-socji l-ohra sabiex jakkwista r-rapprezentanza tad-ditta *Women`s Secret*. Jirrizulta illi r-rapprezentanza ta` *Women`s Secret*, li taqa` taht il-portafoll tas-socjeta` *Cortefiel*, kienet originarjament offruta lil Magri & Zammit. Mhux maghruf ghaliex ma ntlahaqx ftehim dwar ir-rapprezentanza ta` *Women`s* Secret minn Magri & Zammit, biss, una volta li sfratta kollox u r-rapprezentanza ma marritx lil Magri & Zammit, ir-rapprezentanza kienet offruta lil Emanuel Magri li accetta. Jidher ghalhekk illi f`dan il-kaz ma jistax jinghad illi Emanuel Magri agixxa minn wara dahar is-socji l-ohra. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku rrizulta illi fil-kors tad-diskussjonijiet ma` Magri & Zammit, Emanuel Magri ra kif dawwar in-negozju lejh baxx baxx. Dan pero` ma rrizultax.

Ilment iehor huwa fir-rigward tar-rapprezenanza tad-ditta *Springfield* li ukoll taqa` taht il-portafoll ta` *Cortefiel*.

Magri & Zammit kellha *franchise agreement* ghar-rapprezentanza ta` din id-ditta. Il-klawsola tt tal-kuntratt kienet tittratta *Causes of Termination*. Jinghad hekk :

> "*The present contract may be terminated by either party for the reasons included in law and in addition may especially be terminated by the non defaulting party, for the following reasons:*
>
> *a) the suspension of business activities of the Franchiser or of the Franchisee.*

*b) should either of the parties be involved in any of the following situations:*

*b1) an encumberancer takes possession or a receiver is appointed over any of the property or assets of the other party,*

*b2) that the other party goes into liquidation*".

Skont dak stipulat fil-klawsola 11 tal-*franchise agreement*, il-ftehim seta` jigi mwaqqaf mill-partijiet rispettivi fost l-ohrajn f`kaz ta` proceduri ta` likwidazzjoni. F`dan il-kaz jidher illi *Cortefiel* kienet ben edotta mis-sitwazzjoni ta` Magri & Zammit, inkluz il-process ta` likwidazzjoni. Waqt illi ma tressqet ebda prova li turi li *Cortefiel* temmet il-*franchise agreement*, fl-istess waqt tressqu provi sodisfacjenti bizzejjed li juru li s-socjeta` ma kenitx qeghda taghmel negozju. Ix-xhieda, inkluz ir-rikorrent, ilkoll ikkonfermaw illi l-partnership baqghet tezisti biss sabiex fis-sehh il-kirjiet tal-hwienet. Irrizulta li s-socjeta` qatt ma akkwistat direttament minghand *Springfield*.

Minn skambju ta` *e-mails* bejn Emanuel Magri u Sonia Cored Portulas, direttur fi hdan *Cortefiel*, jidher illi waqt li Magri & Zammit kienet ghaddejja mill-process ta` likwidazzjoni, *Corfefiel* irceviet espressjoni ta` nteress minghand terzi ghar-rapprezentanza tad-ditta *Springfield* f`Malta.

Ir-rikorrenti jallega illi Future Fashions Limited irsistiet sabiex tikseb ir-rapprezentanza tad-ditta *Springfield* a skapitu ta` Magri & Zammit. Emanuel Magri kkonferma illi Future Fashions Limited hija kumpannija li saret bi shab bejnu u bejn it-tifel tieghu. Mix-xiehda tal-Avukat Dottor Amanda Poole in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpanniji, Future Fashions Limited kienet registrata fl-14 ta` Marzu 2008. Il-*franchise agreement* bejn *Cortefiel* u Future Fashions Limited sar fis-27 ta` Mejju 2008. Ghalhekk kemm ir-registrazzjoni ta` Future Fashions Limited kif ukoll il-*franchise agreement* ma` *Coretfiel* saru wara li l-qorti x-xoljiment.

Mill-kronologija ta` kif zvolgew il-fatti, huwa evidenti ghal din il-qorti illi fattwalment ma kiernx hemm konkorrenza ghaliex ir-rapprezentanza ta` *Springfield* ghaddiet ghand Future Fashions Limited b`mod legittimu.

**Il-pretensjoni tar-rikorrent mhijiex ippruvata ghas-sodisfazzjon tal-qorti.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet safejn dawn jirrigwardaw l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet attrici.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet attrici.**

**Konsegwenza tac-cahda ta` dawk it-talbiet, tichad ukoll it-talbiet l-ohra attrici.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**